**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Marouska Debono LL.D; M.A. in Law**

**Seduta ta' nhar il-Erbgha, 13 ta' Lulju, 2022**

**Talba Nru: 326/2021MD**

**National Insurance Brokers Limited C 84564**

**Vs**

**Jean Claude Azzopardi**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fil-11 ta' Novembru, 2021[1] permezz ta' liema s-socjeta' attrici talbet li l-konvenut jigi kkundannat ihallasha s-somma ta' elf, sebgha mija, tlieta u hamsin Ewro u tnax-il centezimu (€1,753.12) rapprezentanti l-hrug ta' polza ta' assigurazzjoni u licenzja tal-vettura piu' servizzi ohra ancillari, moghtija lill-intimat fuq ordni tieghu stess; bl-ispejjez u bl-imghax legali.

Ra l-fattura[2] annessa mal-istess avviz.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-Ligi u lanqas ma deher ghas-seduti tal-5 ta' Lulju, 2022 u tat-12 ta' Lulju, 2022.

[1] *A fol* 1 *et seq* tal-process.
[2] *A fol* 4 tal-process.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mir-rapprezentant legali tas-socjeta' attrici fis-seduta tal-5 ta' Lulju, 2022 u fil-fatt il-konvenut ma dehrx sabiex jirrispondi ghalih ghas-seduta tas-12 ta' Lulju, 2022.

Ra x-xhieda ta' Dr. Jacqueline Galea[3], rapprezentant legali tas-socjeta' attrici fejn ikkonfermat li l-ammont ta' elf, sebgha mija, tlieta u hamsin Ewro u tnax-il centezimu (€1,753.12) ghadu dovut u ilu dovut mil-4 ta' Novembru, 2021.

Ra li l-konvenut gie iddikjarat li huwa fi stat ta' kontumacja[4].

Ra li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Illi n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra. Ulterjorment it-talba tirrizulta kkonfermata wkoll mill-fattura annessa mal-istess avviz li jindika il-bilanc dovut rapprezentanti hrug ta' polza ta' assigurazzjoni u licenzja tal-vettura piu' servizzi ancillari moghtija lil konvenut fuq ordni tieghu stess, kif ukoll mix-xhieda ta' Dr. Jacqueline Galea in rapprezentanza tas-socjeta' attrici.

Ghaldaqstant, it-Tribunal qieghed jaqta' u jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa' t-talbiet attrici u konsegwentement jikkundanna lil konvenut sabiex ihallas lill-istess socjeta' attrici s-somma ta' elf, sebgha mija, tlieta u hamsin Ewro u tnax-il centezimu (€1,753.12) rapprezentanti l-hrug ta' polza ta' assigurazzjoni u licenzja tal-vettura piu' servizzi ohra ancillari, moghtija lill-intimat fuq ordni tieghu stess u bl-imghax legali mill-4 ta' Novembru, 2021 sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu unikament mill-konvenut.

**Avukat Dr. Marouska Debono LL.D. M.A. in Law**

**Gudikatur**

[3] *A fol* 28 tal-process; verbal datat 12 ta' Lulju, 2022.
[4] *A fol* 26 tal-process; verbal datat 5 ta' Lulju, 2022.